# Kunsill Lokali Safi

40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Safi SFI 1404
Telefon: (00356)21689168, (0356)21641487
Telefax:(00356) 21689796
E-Mail: safi.lc@gov.mt Web-Page: www.lc.g

Minuti

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Safi

It-Tmien Leġiżlatura

Laqgħa Numru 3/2025

12 ta' Marzu, 2025

Il-Kunsill Lokali ta' Ħal Safi ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab f'40, Dar il-Kunsill, Triq l-Iskola, Ħal Safi, fl-5:30pm.

**Preżenti:**

| | |
|---|---|
| Johan Mula | Sindku |
| Kurt Debono | Kunsillier |
| Joanna Abdilla | Kunsilliera |
| Claire Zammit | Kunsilliera |

Skużat:

| | |
|---|---|
| Francis Callus | Viċi-Sindku |

Uffiċċjal Preżenti:

| | |
|---|---|
| Doris Baldacchino: | Segretarju Eżekuttiv |

### 3.0 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

Is-Sindku qal li l-Viċi Sindku kien talab li jkun skużat milli jattendi għal laqgħa għaliex ma kienx jiflaħ. Il-Kunsill qabel u s-Sur Francis Callus ġie skużat mil-laqgħa.

## 3.1 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

Il-Kunsillieri qablu fuq il-Minuti tal-laqgħa preċedenti. Dawn ġew approvati u ffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

3.1.1 Is-Sindku qal ref punt 2.1.1 (żebra crossing Triq il-Karwija) kienet lesta kemm isiru r-road markings.

3.1.2 Is-Sindku qal li ref punt 2.1.3 (laqgħa *Garden of Future Generation*) issa l-laqgħa kienet skedata għal nhar il-Ħadd 16 ta' Marzu, 2025 fl-4:00pm.

3.1.3 Is-Sindku qal ref punt 2.2.1 (Ġnien Dun Karm Vella) nhar it-Tlieta 13 ta' Marzu flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv kienu attendew laqgħa mal-Perit ta' *Projects Green* kif ukoll ma żewġ rappreżentanti mill-ERA sabiex il-Perit ta' *Projects Green* ikun jista' jibda jaħdem fuq id-disinn tal-proġett.

3.1.4 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.2 (laqgħa mas-CEO ta' *Transport Malta*) nhar il-Ġimgħa 28 ta' Marzu, 2025 il-Kunsill ħa jkollu laqgħa mal-*Indis Malta* u l-*Enemalta*. Is-Sindku spjega li għalkemm l-*Enemalta* kienu ser jibdew jieħdu ħsieb id-dawl tat-triq, huma kienu qed jesiġu li l-ħsarat li hemm pendenti sa issa m'għandhomx isewwuhom huma, iżda li dawn ghandhom jissewwew mill-INDIS qabel it-triq taqa' uffiċjalment taħt *Transport Malta*.

3.1.5 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.3 (laqgħa Kunsill mal-Każin tal-Banda u l-Kappillan minħabba l-proġett tal-pjazza) il-laqgħa kienet ser issir nhar il-Ħamis 20 ta' Marzu, 2025 fil-5:00pm. Is-Sindku spjega li l-Każin tal-Banda kienu talbu sabiex jattendi l-Perit Toni Bezzina minn naħa tal-Każin u l-Perit Dr. Antoine Zammit, Perit Shannon Farrugia f'isem il-Kunsill, filwaqt li l-Perit Kylie Anne Borg Marks minn naħa ta' *Infrastructure Malta*.

3.1.6 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li ref punt 2.5.1 l-aħħar paragrafu kellha tiġi għoxrin siegħa volontarjat u mhux xogħol.

3.1.7 Is-Sindku qal li ref punt 2.2.7 (bankini mill-*Public Works* skont il-*framework agreement*) mal-lista ta' toroq kellha titniżżel Triq il-Ħarruba.

## 3.2 Komunikazzjoni mis-Sindku

3.2.1 Is-Sindku qal li nhar l-Erbgħa 5 ta' Marzu kien ġie espert tas-siġar minħabba s-siġra taż-żebbuġ li għandna fil-pjazza u l-palm li hemm fir-roundabout ta' Triq il-Karwija. Is-Sindku qara r-rapport li kien għamel fuq il-palm li hemm fi Triq il-Karwija.

Is-Sindku qal li l-Espert tas-Siġar kien qed jaħseb li l-ħamrija li tpoġġiet fir-roundabout tal-Karwija kellha ż-żerriegħa tal-palm għaliex ma kinitx tagħmel sens li jinżergħu daqshekk f'xulxin. Huwa ssuġġerixxa li dawn jinqalgħu issa għaliex jekk inħallu iktar dawn jikbru ħafna u jiġu perikolużi u imbagħad ikun iktar ferm diffiċli biex jinqalgħu. Huwa qal ukoll li dawn is-siġar ma kienux protetti. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li l-Kunsill jibgħat jistaqsi lill-ERA għad-direzzjoni.

3.2.2 Is-Sindku qal li għal Triq Qerd in-Naħal, *Infrastructure Malta* kienu nfurmawna li kellhom jiżdiedu aktar culverts u li kienu għaddew talba lil *Public Works*. Is-Sindku qal li issa *Infrastructure Malta* kellhom jippubblikaw li ser isir l-intervent fit-triq mal-entitajiet kollha biex ikunu jistgħu jibdew ix-xogħolijiet.

3.2.3 Is-Sindku qal li kien ikkomunika mal-MIA rigward l-area li l-Kunsill kien naddaf waqt il-Clean Up. Is-Sindku spjega li l-MIA ma kinux qed jaqblu li jinżergħu s-siġar viċin il-fence u jekk jitpoġġew il-bankijiet dawn isiru b'tali mod li ma jkunux jistgħu jintużaw biex wieħed jitla' fuqhom u jaqbeż il-fence. Is-Sindku qara l-komunikazzjoni li l-Kunsill kien irċieva mill-MIA biex il-Kunsilliera jkunu konxji tar-risposta.

3.2.4 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva talba minn grupp żgħir ta' artisti li xtaqu jagħmlu użu mis-sala tal-Kunsill. Is-Sindku spjega li waqt is-sessjonijiet ta' tpinġija l-artisti kienu ser jagħmlu użu minn mudelli nudi. Il-Kunsill iddiskuta u ma qabilx li nikrulhom is-sala anke minhabba l-fatt li fis-sala hemm ic-cctv li din mhuwiex possibbli li tintefa'.

3.2.5 Is-Sindku ressaq il-kwotazjoijiet sabiex isir iż-żbir tas-siġar madwar ir-raħal. Il-Kunsill iddiskuta. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jmur għall-orħos kwotazzjoni dik ta' €4,720. Il-Kunsill qabel.

3.2.6 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva lment li man-naħa tal-Ġnien fi Triq il-Biedja kien hemm parti mit-triq mudlama. Huwa ssuġġerixxa lill-Kunsilliera sabiex imorru fuq il-post sabiex jaraw kif inhi s-sitwazzjoni. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li għalissa ma kinitx tagħmel sens li nżidu aktar bozoz qabel ma jeħlu l-bozoz solari li ser isiru mill-*Public Works*.

3.2.7 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien iffirma l-ftehim mal-LESA minħabba s-CCTVs għal Triq iż-Żurrieq. Huwa spjega li issa mportanti li jsiru t-tabelli li kien jinħtieġ, nagħmlu avviż fuq il-medja soċjali u wara nkunu nistgħu ninfurmaw lill-LESA biex tibda tiffunzjona.

3.2.8 Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva email li l-*Car Show* kienet ġiet posposta għall-1 ta' Ġunju, 2025. Is-Sindku spjega li l-Kunsill kien mitlub jagħti n-*No Objection* li ssir

l-attivita' u wara jsir it-tindif tat-toroq. Il-Kunsill iddiskuta u qabel ma din l-inizjattiva speċjalment għal fatt li kienet ser issir għal kawża ġusta.

3.2.9 Is-Sindku qal li l-manager tal-waste tar-Reġjun Punent kien bagħat komunikazzjoni minħabba laqgħa relatata mal-Iskart u Ndafa. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillier Kurt Debono jekk setax jattendi li kkonferma li kien ser jattendi.

**3.3 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

3.3.1 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla kkonfermat li kienet ser issir mixja flimkien ma' Karmenu Busuttil abbinata ma Jum Ħal Safi.

3.3.2 l-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li l-Play kienet ibbukkjata u li kienu ser jħallsu €205 għall-użu tas-sala u sabiex xi ħadd jiftaħ u jagħlaq l-iskola.

3.3.3 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla fakkret lill-Kunsill li l-Mixja għal Puttinu kienet ser issir nhar il-Ħamis 17 ta' April, 2025 sabiex bħal snin preċedenti l-Kunsill jorganizza t-trasport.

3.3.4 Il-Kunsilliera Joanna Abdilla qalet li snin preċedenti l-Kunsill kien jorganizza ukoll it-trasport għas-Salib tal-Għolja, is-Siġġiewi.

3.3.5 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li għal Mejju kellha l-ħsieb torganiza ġurnata Għawdex.

3.3.6 Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li din is-sena l-Kunsill kien xtara *Back Drop* biex tintuża għal *World Book Day* li wara tibqa' għall-użu tal-librerija.

Il-Kunsilliera Claire Zammit kompliet tispjega li is-sezzjoni għall-*istory telling* kienet konfermata u li kien baqa' biss l-*missintech* biex jikkonfermaw.

3.3.7 Il-Kunsillier s-Sur Kurt Debono qal li r-roundabout ta' Triq il-Karwija kellha bżonn tinżabar. Is-Sindku kkonferma li l-ħaddiema tal-Kunsill diġa' kienu bdew iż-żbir.

**3.4 Rapporti**
**Approvazzjoni r-Raba' Kwart (Q4) mill-Financial Statements 2024**

Is-Segretarju Eżekuttiv tat kopja tar-raba'*Quarterly Financial Statements* Q4 (Ottubru – Diċembru 2024) Saret diskussjoni fuq ir-rapport. Is-Sindku propona l-approvazzjoni tar-raba' kwart tal-Financial Statements għas-sena 2024. Il-Kunsill qabel unanimament.

**3.5 Jum Ħal Safi**

3.5.1 Is-Sindku qal li l-quddiesa għal Jum Ħal Safi ser ssir nhar il-Ħadd 27 ta' April, 2025 fid-9:00am u wara l-banda San Pawl ddoqq bejn l-10:00am u l-11:00am.

3.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet il-kwotazzjonijiet li l-Kunsill kien irċieva għar-riċeviment għal Jum Ħal Safi. Il-Kunsill iddiskuta u qabel mal-orħos kwotazzjoni.

3.5.3 Is-Sindku qal li waqt is-serata tas-Sibt fejn jingħata l-Premju Onorifiċenza l-Kunsill normalment kien jagħti rikonoxximent lil persuni li kienu taw servizz lill-Kunsill u għalhekk kien qed jissuġerixxi li jingħata apprezzament lill-*mentors* tal-Kunsill tat-tfal li huma:

Daniel Mangion

Roberta Baldacchino, u

Andrea Catania - kif ukoll

Ċertifikat lit-tfal li jiffurmaw il-Kunsill tat-Tfal

Norman Zammit bħala servizz ta' Inġinier mill-*Enemalta*

Publio Abdilla bħala ex-Kunsillier

Mark Cocker ex-Kunsillier

Il-Kunsilliera Claire Zammit qalet li l-Kunsill tat-tfal kienu nfurmati bis-sehem tagħhom għal waqt is-serata tal-Premju Onorifiċenza. Hija spjegat li l-*Logo* tal-Kunsill tat-tfal u l-arma kienu ser jiġu ppreżentati waqt l-istess serata.

Il-Kunsilliera Claire Żammit qalet li kienet avviċinat il-kantanti kollha li għandna fir-raħal pero' tnejn biss setgħu jieħdu sehem waqt l-istess serata u li dawn aċċettaw li jkantaw kanzunetta flimkien.

**3.6 Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026**

Is-Sindku qal li minn naħa tad-direttorat kienet reġgħet ħarġet l-Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Karnival 2026. Il-Kunsill iddiskuta din l-inizjattiva u l-attivitajiet li kienu saru waqt Karnival 2025 u fejn wieħed jista' jtejjeb l-attivita' sabiex dejjem inkomplu ntejbu l-attivitajiet li jiġu organizzati. Il-Kunsill qabel li għandna nerġgħu napplikaw għal din l-iskema sabiex is-sena d-dieħla nkunu nistgħu nieħdu sehem fil-Karnival għal darba oħra.

**3.7 Finanzjament Komunitajiet aktar b'Saħħithom u ta' Kwalità**

Is-Sindku ressaq l-inizjattiva *Komunitajiet aktar b'saħħithom u ta' kwalità* lill-Kunsilliera preżenti. Huwa spjega l-kriterji li wieħed għandu jqis sabiex japlika għal din l-inizjattiva. Is-Sindku fakkar li s-sala tal-Kunsill kienet kull ma jmur aktar qiegħda tintuża għalhekk kien qed jissuġerixxi li jinbidel il-lift li hemm mas-sala għaliex li għandna bħalissa qdiem u jista' jkun li jieqaf ħesrem. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li napplikaw biex jiġi nstallat lift ġdid.

## 3.8 Kuntratt Accountant

Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li l-Accountant tal-Kunsill kienet għarrfitha li kienet ser tieqaf b'effett immedjat. Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li l-Kunsill ma jistax jibqa' mingħajr accountant, għaldaqstant kienet talbet kwotazzjoni sabiex jiġi ngaġġat accountant immedjatament. Il-Kunsill iddiskuta u qabel.

## 3.9 Siġra taż-Żebbuġ – Triq Santa Marija

Is-Sindku qal li fuq talba tal-Kunsill kien ġie rappreżentanti mill-ERA sabiex jagħtina parir x'għandu jsir sabiex l-ewwel u qabel kollox ma nitilfux is-siġra taż-żebbug li hemm fi Triq Santa Marija kif ukoll sabiex wieħed miż-żkuk li jidher bi krakjatura ma jitqaċċatx u/jew ikun ta' periklu għall-pubbliku nġenerali. Hawn is-Sindku ressaq ir-risposta tal-ERA.

Is-Sindku qal li huwa kien mar ukoll mal-espert tas-siġar li kien qed jagħti żewġ metodi kif wieħed jista' jipprova jiżbor il-fergħa tas-siġra taż-żebbug li tidher ħa ċċedi. L-ewwel metodu hu li jsir *heavy pruning* bħalma sar fil-passat fuq fergħa oħra tas-siġra sabiex hekk jonqos il-piż u metodu ieħor li jsirx *light pruning* pero' hawn irid isir bħal ċintorin sabiex il-fergħa ma ċċedix. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nagħmlu *light pruning* u jsiru ċ-ċintorini meħtieġa.

## 3.10 Applikazzjoni PC/00056/22

Is-Sindku qal lill-Kunsillieri li kien ser jagħti aġġornament ta' din l-applikazzjoni li nhar il-5 ta' Marzu, 2025 għaddiet unanimament għall-approvazzjoni mill-*Planning Control*. Is-Sindku spjega li l-oġġezzjoni li daħħlet l-Avukata appuntata mill-Kunsill kien li l-area għalkemm ma hemmx indikat kemm ser jidħol bini, l-area tindika li hemm potenzjalment ta' fejn jidħlu mill-inqas madwar 400 appartament. Is-Sindku qal li ġaladarba dawn l-appartamenti jkunu mimlija, minn kalkolu li wieħed jista' jagħmel huwa li dawn ikunu jammontaw għal madwar nofs il-popolazzjoni preżenti fil-lokalita'. Għalhekk dan kien se joħloq impatt massiċċ fuq il-lokalita' u ma jistax jifhem kif il-PA kienet se tapprova applikazzjoni bħal din minngħajr ma titlob li jsir master plan u assessjar ta' x'impatt ser jinħoloq fuq il-lokalita' b'mod ġenerali. Is-Sindku spjega wkoll li skond il-*local plan* l-area suppost kien jinkludu l-*front gardens*. Is-Sindku qal ukoll li għalkemm qed

jikwantifikaw li l-applikant ghandu 81% tal-area li ser tinbena, l-ownership tal-area kollha ma ġietx ippubblikata u għalhekk ħadd ma jista' jikkontesta li hemm anqas. Is-Sindku qal ukoll li wara li ttieħed il-vot kien tkellem mal-avukata sabiex naraw x'seta' jsir f'dan l-istadju. Is-Sindku qal li l-Kunsill seta' jagħmel appell ma-EPRT u ssuġġerixxa li jsir dan. Il-Kunsill qabel.

## 3.11 Korrispondenza

Is-Sindku qal li l-Kunsill kien irċieva ittra bl-avukat mingħand sid il-pompa tal-petrol li għandna f'Żurrieq Road. Huwa qara l-ittra lill-kunsillieri. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li tintbagħat risposta b'avukat.

## 3.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Il-pagamenti kollha ġew diskussi u approvati unanimament inkluż il-pagamenti kollha relati mal-iskema SPI/SCI/8/2024 Skema Finanzjament Karnival 2025.

## 3.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.05pm. Laqgħa li jmiss ser tkun nhar it-Tnejn 21 ta' April, 2025 fil-5.30pm.

Johan Mula
Sindku

Doris Baldacchino
Segretarju Eżekuttiv